MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 280/2006/1

**A.B.**

**v.**

**E.B.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A.B. li jghid hekk:

"1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-5 ta' Ottubru 1958 kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u mill-liema zwieg twieldu tlett itfal.

“2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar il-kwalita` tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghhom tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

“3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

“4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

“5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

“6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

“7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d), u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

“Ghaldaqstant, l-esponenti titlob [recte: l-esponent jitlob] bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta E.B. (fol. 23) li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi filwaqt li l-esponenti taqbel li l-partijiet izzewgu f’Malta u kellhom tlett itfal illum maggorenni, dan iz-zwieg huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk

ma taqbilx ma’ dak premess u mitlub fir-rikors guramentat fuq imsemmi.

“2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u tigi kkonfermata il-validita` taz-zwieg tal-kontendenti.

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-12 ta’ Marzu, 2008, li in forza taghha cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-5 ta’ Ottubru 1958 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kienu vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

“Min-naha taghha l-konvenuta teccepixxi li z-zwieg huwa validu fil-ligi.

“**Kwadru tal-fatti**

“Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

“Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-5 ta’ Ottubru 1958 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 20 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sentejn. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal: fit-28 ta’ Ottubru 1958, fis-19 ta’ Lulju 1960 u fit-12 ta’ Ottubru 1965. Wara konvivenza matrimonjali ta’ erbgha u ghoxrin [24] sena, l-attur telaq mid-dar matrimonjali fis-sena 1982, wara li l-konvenuta kienet qabditu f’relazzjoni ma’ mara ohra, li kienet bdiet fl-ahhar tas-snin sebghin, u li maghha ghadu f’relazzjoni.

“Illi l-versjoni ta’ l-attur hija fis-sens li dana kien gie mhajjar, b’certu insistenza, miz-ziju tieghu, li dak iz-zmien

kien jamministra n-negozju tal-konvenuta u ohtha, sabiex jizzewweg lill-konvenuta jew lill-ohtha. L-attur kien iddecieda li jibda johrog mal-konvenuta peress li mal-konvenuta kellu “grazzja hafna izjed” u kienet “simpatika”[1]. Huwa kien eventwalment accetta u ddecieda li jizzewweg lill-konvenuta anke peress li kien jaqbillu mill-lat finanzjarju. L-attur jghid li kien l-istess ziju li kien ha hsieb il-preparamenti kollha tat-tieg, u hu kien accetta dan il-fatt; hu jghid li: “Il-catering kien ha hsiebu hu, konna ghidnilu fejn nixtiequ, [u ahna] ghidnilu l-Phonecia, u hallas kollox hu; plus li kellna xi 1,000 guests.”

“L-attur jghid li qabel ma kien beda johrog mal-konvenuta bi skop ta’ zwieg, huwa kien jiffrekwenta diversi tfajliet u kien anke jkollu relazzjonijiet sesswali maghhom. Huwa jghid li kien waqaf jara tfajliet ohra meta kien beda johrog mal-konvenuta; izda sentejn wara z-zwieg, huwa kien rega’ beda jiffrekwenta nisa ohra meta kien ikun fuq business barra minn Malta. Jghid li dawn “kienu okkazzjonijiet ta’ one night stands, normally meta nkun msiefer.” Huwa jishaq pero’ li, ghalkemm kien ikun infidil lejn martu meta kien isiefer, meta kien ikun Malta ma kienx ikun infidil b’rispett lejn martu, u jghid ukoll li hu dejjem kien imur ma’ strangieri li kien ikun jafhom fuq ix-xoghol, u “I used to be <u>very sure</u> li ma’ kellhomx mard, in respect for [respondent].”

“L-attur ghalhekk, ghad-domanda jekk meta huwa kien tiela’ fuq l-artal u jizzewweg, kellux f’mohhu li jibqa’ fidil lejn martu, huwa jirrispondi “Ehe. Malta forsi. Mad-dinja kollha le.” Fuq mistoqsija ghaliex kien dam sentejn minn wara z-zwieg qabel ma beda jerga’ jkollu relazzjonijiet intimi ma’ haddiehor barra minn Malta, il-konvenut jirrispondi hekk “Forsi, I was happily trying to be faithful.”

“Fuq mistoqsija jekk fiz-zmien li dahal fiz-zwieg kellux l-intenzjoni li jipprova jkun “a good husband” mal-konvenuta, l-attur jirrispondi: “yes definitely”. Jikkonferma wkoll li huwa u martu kienu johrogu ta’spiss flimkien mat-tfal bhala familja u anke jsiefru flimkien.

[1] Dep.fol.34 *et seq.*

“Illi l-attur jispjega li “well into the seventies” huwa kien dahal f’relazzjoni extra matrimonjali ma’ habiba tal-konvenuta li meta skopriet li zewgha kien qed ikun infidil lejha, inqala’ l-inkwiet matrimonjali bir-rizultat li fis-sena 1982 il-partijiet isseparaw de facto.

“Illi min-naha taghha l-konvenuta tghid li ma kien hemm ebda problemi la qabel iz-zwieg, u lanqas matul il-konvivenza matrimonjali ta’ 24 sena. Sa dan il-perijodu, inkwiet serju fiz-zwieg ma kienx hemm “Le fiz-zwieg, zgur li le.”[2] L-inkwiet beda meta l-konvenut kien intaqa’ mal-mara li maghha ghadu f’relazzjoni sallum “hemmhekk bdejna [bl-inkwiet] ghax il-bqija kollox kien normali.”

“Hija tikkonferma li qabel iz-zwieg kienu johorgu wahedhom “kemm-il darba” u xi kultant kien ikun hemm id-driver taghha li kien johodhom fejn kienu jghidulu.

“Rigward iz-ziju ta’ l-attur li kien it-tutur taghhom, hija tghid li meta kienet marret tghidlu li riedet tizzewweg, peress li hi u ohtha kienu jqisuh bhala missierhom u kien jiehu hsiebhom hafna, huwa qalha ‘inti taf zgur x’ ser taghmel, ghedtlu iva jiena nhobbu [lill-attur] u rrid nizzewgu.” Tghid li veru “kien it-tutor taghna, imma kien qisu missierna, in fatti hu tellana fuq l-artal.” Tghid ukoll li hi dejjem kienet taqbel mad-decizjonijiet tieghu.

“Hija tghid li l-ewwel darba li semghet li l-attur kien infidil lejha meta kien isiefer fuq xoghol, kienet f’dawn il-proceduri. Tghid li: “Dejjem meta gie d-dar dejjem bqajna nghixu normali….Hu qatt ma urieni xejn, ma nafx, bniedem tinduna meta jkollu relazzjoni ma’ xi haddiehor ghax meta kellu relazzjoni mal-[mara li ghandu llum] mill-ewwel indunajt.”

“**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi in tema legali jinsab assodat fil-gurisprudenza[3] li, gjaladarba z-zwieg in disamina gie celebrat fis-sena 1958,

---
[2] Dep. Fol.79 *et seq.*

[3] *App.Carmen Lama vs Eugenio Lama* deciza 2 ta’ Ottubru 2007 [u kazistika hemm citata]

u ghalhekk qabel il-promulazzjoni ta’ l-Att XXXVII [Kap.255] tas-sena 1975 li beda jirregola z-zwigijiet civili, u gjalarba dan iz-zwieg kien gie celebrat bir-rit religjuz, allura l-ligi li kienet tirregola z-zwieg taghhom kien id-Dritt Kanoniku vigenti qabel l-emendi tas-sena 1983; u ghalhekk bid-dritt kanoniku msejjah Kodici Pio-Benedittin tas-sena 1917; u jekk iz-zwieg jigi misjub validu taht dan il-qafas legali, allura ghall-ezami tieghu taht l-imsemmi Att XXXVII josta l-artikolu 36[2] ta’ l-istess Att, li jistipula li “Ebda haga f’dan l-Att ma ghandha tolqot il-validita` ta’ zwieg li kien validu meta sar.”

“Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu ghan-nullita’ taz-zwieg fuq il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafu [c][d][f][g] u [h] ta’ l-artikolu precitat; izda l-Qorti ghandha tezamina dan iz-zwieg li gie celebrat fis-sena 1958 fid-dawl ta’ dawn il-capita nullitatis “purche’ il-*caput nullitatis* in kwistjoni kien applikabbli sostanzjalment ghaz-zwieg meta sar u sa fejn kien applikabbli tenut kont tal-ligi vigenti meta sar.”[4]

“Illi jidher li skond il-Kodici Pio Benedettin, dan il-kaz fid-dawl tal-kawzalijiet proposti ghandu jigi ezaminat fit-termini tal-Kanoni 1081, 1082, 1086 u 1092.

“Illi fil-meritu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

“[1] Illi, ghalkemm fix-xhieda tieghu l-attur jghid li huwa kien gie mgieghel minn zijuh biex jizzewweg lill-konvenuta, u jkompli jishaq fuq dan il-punt fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu, il-provi juru bic-car li huwa kien eventwalment accetta s-suggeriment ta’ zijuh biex jizzewweg lill-konvenuta, kemm ghax kellu grazzja maghha, kif ukoll ghax irrealizza li mill-lat finanzjarju kien jaqbillu. Il-Qorti tosserva li x-xhieda ta’ l-attur stess turi, li dana ma kienx gie mgieghel biex jizzewweg izda kien gie imhajjar biex jaghzel wahda mill-ahwa S.F. li z-ziju tieghu kien jiehu hsieb. Il-Qorti hija konvinta li l-attur, kif ukoll il-konvenuta,dahlu f’dan iz-zwieg ghax riedu u bil-libera volonta` taghhom; u l-kunsens matrimonjali taghhom ma

[4] Inid.

kienx determinat minn forza esterna resistibbli [recte: irresistibbli] li l-partijiet ma kellhomx kontroll fuqha.

“[2] Illi rigward il-Kanoni 1082 li titratta dwar il-vizzju tal-kunsens minhabba njoranza dwar x’ inhu zwieg u l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tosserva li minn imkien ma jirrizulta li l-partijiet ma kellhomx certu dixxerniment ta’ l-import tal-hajja matrimonjali, jew li ma kienux gharfu jew fehemu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali. Il-konvivenza matrimonjali twila [24 sena] li matulha l-partijiet kellhom tlett itfal jaghtu konfort lil din il-konkluzjoni.

“Inoltre, ghall-kompletezza, jigi osservat li mill-provi ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali xi hadd mill-parti kienet affetta minn inkapacita` psikika jew kostituzzjonali li jgharfu w jirriflettu, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali, jew li kienet mahkuma minn impulsi nterni li “nehhewlha” l-liberta` tal-ghazla. Inoltre ma rrizultat ebda anomalija psikologika li ghamlita impossibbli ghal xi parti li tesegwexxi l-obbligi matrimonjali essenzjali ghaz-zwieg.

“[3] Illi rigward il-Kanoni 1086 li jitratta s-simulazzjoni, il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attur ipprova jghati l-impressjoni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, huwa kien eskluda l-obbligu tal-fedelta` fiz-zwieg, il-provi juru l-kuntrarju. Di fatti huwa stess jghid li huwa kien fidil lejn il-konvenuta kemm qabel[5] iz-zwieg meta kienu gharajjes, kif ukoll sa sentejn wara z-zwieg. Jghid ukoll li matul dawn is-sentejn *“I was happily trying to be faithful.”* Dawn l-elementi ta’ prova jinnewtralizzaw l-allegazzjoni tieghu li l-kunsens matrimonjonali tieghu kien simulat fis-sens li f’dak il-mument huwa b’att positiv tal-volonta` tieghu eskluda l-obbligu tal-fedelta` fiz-zwieg; u l-fatt, anke jekk veritier, li huwa ceda ghat-tentazzjonijiet u kien infidil lejn martu wara sentejn ta’ zwieg, dan il-fatt ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni.

[5] Fol.68

“F’dan l-istadju l-Qorti tikkunsidera opportun li tosserva li, minn dak li rat u li semghet, hi tal-fehema li din l-allegazzjoni da parti ta’ l-attur dwar is-simulazzjoni tal-kunsens tieghu, mhi xejn hlief tentattiv fjakk da parti tieghu, sabiex jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null; mentri l-vera falliment taz-zwieg tieghu kienet ir-relazzjoni li hu dahal fiha mal-*partner* tieghu fis-snin sebghin, jigifieri wara circa ghoxrin [20] sena ta’ konvivenza matrimonjali.

“[4] Illi dwar il-*caput nullitatis* kontemplata fil-Kanoni 1092 li fuqha hija bazata l-kawzali numru 5, il-Qorti tosserva li din manifestament ma tikkonfigurax. Imkien mill-provi ma jirrizulta li l-partijiet kienu rabtu l-kunsens matrimonjali taghhom ma’ kondizzjoni li tirriferi ghall-futur.

“Illi in bazi ghall-premessi konsiderazzjonijiet fattwali u guridici, il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet kien validu meta gie celebrat fil-5 ta’ Ottubru 1985 taht il-ligi vigenti f’dak iz-zmien; u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-kawzali l-ohra dedotti mill-attur fir-rikors promotur u li huma bazati biss fuq l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

“Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijex gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ser tigi respinta.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, u minflok tilqa’ t-talba tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata; tosserva li l-appellata pprezentat risposta, izda peress li din giet prezentata *fuori termine*, din il-Qorti ordnat l-isfilz taghha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta’ annullament ta’ zwieg li sehh bejn il-kontendenti fil-5 ta’ Ottubru, 1958, mil-liema zwieg twieldu tlett itfal illum kollha maggorenni. L-attur allega li z-zwieg tieghu kien null u ressaq diversi ragunijiet ghala z-zwieg tieghu ghandu jigi hekk dikjarat. L-ewwel Qorti, wara li semghet ix-xhieda li ressqu l-partijiet, cahdet it-talba tal-attur ghax qieset li dan ma rnexxielux jipprova l-allegazzjoni tieghu.

L-attur appella mis-sentenza u, bazikament, qed jillimita l-appell tieghu ghal zewg punti: li l-kunsens tieghu ma kienx rizultat ta’ att liberu u volontarju, u li, f’kull kaz, l-istess zwieg ghandu jitqies null peress li l-kunsens tieghu ghall-istess kien simulat.

Trattat l-ewwel kwistjoni l-appellant jallega li hu ma dahalx ghaz-zwieg mal-konvenuta bil-libera volonta` tieghu, ghax ghamel hekk wara insistenza qawwija da parti taz-ziju tieghu, J.F, li kien jamministra l-assi ta’ B. Tagliaferro & Sons Bank, proprjeta` tal-familja S.F. kif ukoll kien kuratur tal-konvenuta u hutha, ahwa S.F. Dan J.F. kien jaf li l-familja S.F. kellha negozju tajjeb hafna, u peress li beda jikber u ma kellux tfal, beda jhajjar lill-attur jizzewweg lil wahda mix-xebbiet ta’ S.F. halli jiehu f’idejh it-tmexxija tan-negozju. Eventwalment l-attur irrealizza li dik kienet opportunita` mhux ta’ min jitlifha u ddecieda li jiizzewweg lill-konvenuta sabiex ikollu karriera fis-settur bankarju fejn xtaq u jkun ahjar finanzjarjament.

Ma jirrizultax, pero`, li hu gie <u>mgieghel</u> jizzewweg lill-konvenuta. Veru li l-motivi tieghu ghaliex accetta li jibda jinnamra mal-konvenuta, kienu forsi, xi ftit egoistici u motivati bi hsieb ta’ gwadan finanzjarju, pero`, kien hu li ha d-decizjoni wara li qies ic-cirkostanzi tal-kaz, u ha decizjoni li jibni familja mal-konvenuta. Kif jinghad fil-ktieb ta’ <u>J.F. Castano</u>, “Il Sacramento del Matrimonio” ($2^0$ediz. 1992 pagna 119):

“Oltre la deliberazione richiesta perche` un atto sia veramente atto *humanus*, l’atto di consentire deve essere anche un atto *libero*. Con cio` si vuol affermare che il consenso matrimoniale deve essere espresso-

manifestato liberamente, cioe` *senza coercizione* o altra sorta di costrizione o pressione dall'interno della stessa persona o dall'esterno. Venendo a mancare questa *liberta`*, il consenso e` *viziato* a norma dei diversi canoni, vale a dire, secondo la natura della coercizione, che puo` provenire da cause "personali" oppure da cause "esterne". Questo intervento, pero`, anche se e` sempre indiretto, puo` avvenire "forzando" in alcuna maniera la volonta` del soggetto che patisce la pressione. E` per questo che il consenso deve essere *libero*."

Ma jirriuzltax li l-attur gie "sfurzat" li jizzewweg. Hu, fil-fatt xehed, li kellu certa affezzjoni ghall-konvenuta, ried jizzewwigha u ried li jkollu tfal minn maghha. Huma zzewwgu fil-Palazz tal-Arcisqof u kien kuntent hafna, u ried, u kellu l-hsieb "*to try and be a good husband to E.*".

L-attur ma ressaqx bhala kawzali l-allegazzjoni li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null minhabba l-biza li joffendi lil zijuh, pero` fil-kors tax-xhieda tieghu jallega li hu kien gie manipulat minn zijuh, ghalkemm ma jipprecizax kif. Ma jallega ebda hsara li gie mhedded biha f'kaz li jirrifjuta l-insistenzi ta' zijuh, u jekk kellu xi rispett specjali lejh, ma wriehx li kien rinfaccjat b'xi dannu gravi jekk jiddeciedi li ma jizzewwigx lill-konvenuta. L-"insistenzi" ta' zijuh, ghalhekk, ma jistghux jitqiesu li kellhom effett fuq il-libera volonta` tieghu. Kif jinghad fil-ktieb ta' J.F.Castano, aktar qabel kwotat (ibid pagna 398), b'approvazzjoni ta' dak li jghid A. Abate band'ohra:

"Una considerazione particolare e` data non nella legislazione, ma nella giurisprudenza ecclesiastica, al "timore reverenziale", cioe` causato da persone a cui il soggetto che lo subisce e` legato con speciali vincoli di sangue, di affetto, di gratitudine, di venerazione, o di sudditanza, a ragione di ufficio o di lavoro. […]. Cio` che specifica il timore reverenziale e` la natura del male per liberarsi dal quale una persona e` costretta a scegliere il matrimonio. Il male imminente o probabile che essa intende evitare non e` costituito solo dal pericolo di perdere l'eredita`, l'affetto, il lavoro, di essere cacciato fuori di casa, di essere esposta all'infamia se si tratta di ragazza ma anche il solo fatto di procurare ai suoi genitori

o familiari o superiori, per la mancata adesione alla loro volonta`, “dispiacere” o “indignazione”. Il dispiacere o l’indignazione possono essere espressi in vari modi per esempio con un volto costantmente addolorato o severo, con una atmosfera familiare di silenzio, di freddezza, con uno stillicidio continuo di rimproveri, di minacce, di suppliche, d’insistenza importune. Di per se`, queste manifestazioni esterne, anche se pressanti, non costituiscono un male grave, pero` lo possono essere nella situazione concreta, divenuta impossibile. Per porre fine a questa situazione, la persona che ne e` vittima, si arrende alla volonta` altrui accettando le nozze come unica strada di uscita, con una scelta senza piena autonomia.” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Ma giex muri la li kien hemm xi “*male imminente o probabile*” li gie mhedded bih l-attur, lanqas li kienet “impossibbli” ghall-attur li jghid “le” ghall-insistenzii ta’ zijuh. Kif jghid l-attur, kien hu li eventwalment ha d-decizjoni biex jahtaf l-opportunita` li jizzewweg mal-konvenuta.

Kif intqal tant tajjeb mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Tonna v. Tonna**, deciza fil-31 ta’ Jannar, 1996, mhux kull indecizjoni jew dubbju jaffettwa l-volonta` tal-parti. Inghad, fil-fatt, f’dik is-sentenza (fil-kuntest tan-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju), illi:
“Id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, ghalhekk, mhux sempliciment nuqqas ta’ hsieb, nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju (**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri**, gia` citata). Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta’ indecizjoni jew dubbju dwar ghazla tal-istat ta’ hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u

jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."
Ma jirrizultax li l-attur kien qed isofri minn xi inkapacita` psikika fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, u wara li gharbel sew is-sitwazzjoni li tpoggiet ghall-konsiderazzjoni tieghu, accetta bil-libera volonta` tieghu li jizzewweg. Rigward il-motivazzjoni ghaz-zwieg, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sewgwenti citazzjoni "*not every reason which the spouse may have for marrying this particular person and at this particular moment in time excludes the inherent end of marriage itself. For experience itself teaches us that it is often the case that one has one's own reasons for marrying. Indeed it often happens that one is moved precisely by these motives to marry" (c. Pinna 16.1.58; cfr. C Anne 8.11.63, n.10).*

L-attur jghid ukoll li, f'kull kaz, meta ha d-decizjoni li jizzewweg lill-konvenuta, hu ma kienx ha decizjoni li jkun fidil lejn martu, u peress li eskluda wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, l-istess ghandu jigi dikjarat null ghax simulat. L-attur, fil-fatt, irrakkonta li, minn sentejn fuq iz-zwieg, kull meta kien ikollu okkazjoni li jsiefer fuq xoghol kien ikollu "fling" ma' mara ohra li kien jaghzel b'attenzjoni biex jevita l-possibbilita` ta' mard b'rispett lejn martu(!). Din il-Qorti tinnota li mal-ftuh ta' din il-kawza, l-attur ressaq affidavit dettaljat tal-hajja mizzewga tieghu u ta' x'wasslu biex jizzewweg lill-konvenuta, izda f'ebda parti tal-istqarrija ma semma dawn is-suppost "flings" jew li hu zzewweg bil-hsieb li ma jkunx fidil lejn martu. Kien biss meta xehed quddiem l-ewwel Qorti li hareg b'din l-"istorja" u l-allegazzjoni ta' hsieb maghmul ta' infedelta`.

Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u <u>b'att posittiv tal-volonta` taghha</u> tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, <u>dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta`</u>, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara, f'dan is-sens **Muscat v. Borg Grech noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad

ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),
"Nell'animo del nubente, perche` si abbia simulazione … occorre che vi sia non un' assenza della volonta` matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta` di escludere."

Ghalkemm l-att posittiv tal-volonta` li bih issir tali eskluzzjoni tista' tigi manifestata anke implicitament, din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha, tara li ma ngabet ebda prova ta' tali eskluzjoni posittiva jew simulazzjoni da parti tal-attur. Il-prova trid issir b'argumenti u/jew cirkustanzi konludenti. L-ammissjoni tal-allegat simulatur hija biss il-bidu, izda hu dejjem mehtieg li din tigi sostnuta b'xhieda jew cirkostanzi *tempore non suspecto*. Iz-zwieg huwa istitut ta' ordni pubbliku, u m'ghandux jithassar semplicement ghax parti tallega *ex post facto* li hi ssimulat il-kunsens taghha. Ix-xhieda li ressaq l-attur jixhdu l-aktar fuq il-motiv li wassal lill-attur jiddeciedi li jizzewweg lill-konvenuta, pero`, ma indikawx li l-attur, meta ha dan il-pass, kien deciz ukoll li ma jkunx fidil lejn martu. L-attur stess jghid li "*I tried to honour my commitment to E. as a honeymoon I really tried*", u jekk, wara xi zmien ceda ghat-tentazzjoni ta' nisa ohra, ma jfissirx li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, hu eskluda b'att posittiv ta' volonta` xi element essenzjali taz-zwieg.

Din il-Qorti, ghalhekk tara li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-fatti tal-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------